ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 47/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 2 ta' Marzu 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 46/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Dwar il-Kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart separat, is-Sindku qal peress li r-responsabbilita` tal-ġbir ta' l-iskart hi tal-Kunsilli Lokali u mhux tar-Reġjun, il-

Kunsill irid jieħu deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill hux ser ikun jagħmel parti mill-Kuntratt tal-Kumitat Reġjonali.
Il-Kunsilliera Debono u Refalo qalu biex jiddeċiedu jridu jkunu jafu x' fih il-Kuntratt u n-nefqa għall-Kunsill Lokali.

Dwar ix-xiri taż-żebgħa għall-Beach Cleaning Section, is-Sindku staqsa min ser jagħmel kontroll taż-żebgħa?
Il-Kunsillier Refalo qal jindikaw minn qabel x' żebgħa tirrikjedi biċċa xogħol.

Dwar ir-*railings* il-ġodda għall-*promenade* ta' Marsalforn, is-Sindku qal ir-regolamenti ta' l-UE li dwarhom kienet inġibdet l-attenzjoni baqgħu ma għaddewhomx u allura f' dan l-istadju, il-proġett tal-Kunsill għandu jitkompla.
Kien hemm qbil li r-*railings* jitwaħħlu kollha f' daqqa.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Komunikat tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-organizzazzjoni ta' laqgħa informattiva fuq il-bidla għal televiżjoni diġitali.  Il-Kunsill qabel li jospita` laqgħa għar-residenti dwar is-suġġett.

Applikazzjonijiet ta' Jason Axiaq għal *meter* tad-dawl temporanju (applikazzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta) bejn it-23 ta' April u t-23 ta' Ottubru 2010 fi Triq il-Wied, li tiġi kantuniera ma' Triq Lapsi.  Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-applikazzjonijiet ta' Axiaq.

Itta tal-Kunsillier Joseph Camilleri dwar xogħol li għamel Louis Attard fi Triq iż-Żebbuġ, fl-*area* ta' l-i*skips*.  Is-Sindku qal l-ittra ta' Camilleri kienet *typed* fl-uffiċċju tal-Kunsill u qal fid-dawl tar-regolamenti l-ġodda li kull korrispondenza li tgħaddi bejn il-Kunsillieri u l-Kunsill għandha tgħaddi permezz ta' l-*e-mail*, staqsa jekk il-mod ta' kif saret l-ittra jmurx kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali?

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

Dwar il-kont Ta' Pennellu Restaurant – ikla tal-Milied il-Kunsillieri Camilleri u Refalo, is-Sindku ressaq il-kont għall-vot.

Favur – ħadd
Kontra – is-Sindku
Astensjonijiet – il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Camilleri, Debono u Refalo.

Il-kont ta' Ta' Pennellu Restaurant m' għaddiex għall-ħlas.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

Servizz tal-*Wide Area Connectivity* – Jannar – Marzu 2010
(MITA) €416.85
Għodda u materjal għall-manutenzjoni tal-berġa u għall-bankina ta' Triq iż-Żebbuġ
(Joseph Caruana Co Ltd) €125.15
Servizzi ta' kurrier (Gozo Express Services ) €67.26
*Contract Manager fee* – Frar 2010
(Galea Curmi Engineering Consultants) €95.93
Ġie deċiż li l-Inġinier jintalab jagħmel rapport dwar il-fatt li l-*promenade* ta' Marsalforn, Triq il-Port aktar qed ikun mitfi milli mixgħul.
Servizzi ta' fotografu – attivita` tal-Karnival, xeltrijiet ta' Triq iż-Żebbuġ, veduti ta' Sqallija u zjara tal-Onor. Said fil-berga (Joseph Mercieca) €380.00
Pizzez u minerali – laqgħa għall-parteċipanti tal-kompetizzjoni tal-presepji u għall-ġurija tal-kompetizzjonijiet tal-Karnival
(Francis Saliba) €154.60
Kiri ta' *jag-hammer* għall-manutenzjoni tal-berġa
(Francis Saliba) €220.00
Logħob tan-nar tal-ajru – Festa ta' San Pawl 2010
(Nicky Saliba) €1,000.00
Marċ mill-Banda Santa Marija – attivita` tal-Karnival
(Soċjeta` Filarmonika Santa Marija) €930.00
Parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Karnival
(Joseph Refalo) €46.58
Servizzi ta' librara – Frar 2010
(Joanne Grima) €46.64
Tindif tal-uffiċini tal-Kunsill – Frar 2010
(Salvina Bajada) €30.29
Trofej – kompetizzjonijiet tal-Karnival
(Sportsmania) €258.60

## 6. BUDGET 2010

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument finali tal-budget għas-sena 2010. Il-Kunsill approva b' vot unanimu l-budget għas-sena 2010.

## 7. ILWIEN IR-REBBIEGĦA 2010

Għal 'Ilwien ir-Rebbiegħa', il-Kunsill approva f' logħob tan-nar tal-art biex jinħaraq is-Sibt wara l-ispettaklu

€500 kull kamra mingħand iż-żewġt ikmamar tal-Imqabba
€1,000 mingħand Nicky Saliba
€500 mingħand Virtut Factory Fireworks.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-attivita` tal-Ħadd issir fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu u tkun tikkonsisti f' marċ mill-Banda Santa Marija, it-tberik tal-*pets* u kant tal-għana.

Il-Kunsill approva għall-*weekend* ta' 'Ilwien ir-Rebbiegħa' is-servizzi ta' PA System, dwal u fotografu (ritratti u *filming*) u li jagħmel *banners* kbar għand il-Motif Media.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-programm ta' attivitajiet għal 'Ilwien ir-Rebbiegħa'.

Għal Jum iż-Żebbuġ 2010, is-Sindku ppropona dan il-programm ta' attivitajiet:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 26 ta' April | Attivita` għall-anzjani |
| It-Tlieta 27 ta' April | Quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl Marsalforn |
| L-Erbgħa 28 ta' April | Quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u ċerimonja ta' tifkira. |

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li bħala parti mill-ħidma biex tkompli tittaffa l-problema ta' l-istaġjonalita` fil-gżira Għawdxija, qed tkun studjata l-possibbilita` li jittella' festival ta' logħob tan-nar tal-ajru fl-aħħar *weekend* ta' Settembru fil-Bajja ta' Marsalforn. Is-Sindku semma budget ta' €30,000 mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika. Qal li dan il-festival għadu fi stadju preliminari.

**PREMJU ĠIEH IŻ-ŻEBBUĠ 2010**

Is-Sindku ppropona li l-Premju Ġieh iż-Żebbuġ 2010 jingħata lil Toni Farrugia. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Premju jingħata lil Farrugia.

## 8. IL-MUSICAL 'GĦERUQNA' FIŻ-ŻEBBUĠ

Is-Sindku ppropona li l-Musical 'Għeruqna' jittella' fiż-Żebbuġ it-Tnejn is-16 ta' Awwissu fuq iz-zuntier tal-knisja.
Il-Kunsillier Camilleri talab biex jingħata aktar dettalji – l-ispiża tal-PA System, id-dwal, tad-Direttur.
Is-Sindku qal li bil-kelma, l-Onor. Said wegħdu li s-Segretarjat tiegħu ser jgħin biex 'Għeruqna' tittella' fiż-Żebbuġ.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet:

- il-bini ta' lqugħ (żewġ filati kantun) fi Triq il-Batterija – ilment 99/2009.
- sittax il-jarda konkos għall-manutenzjoni ta' Triq Ta' Kuljat – ilment 4/2010.
- it-traqqiegħ bil-konkos fi Triq il-Wied, il-barra minn Ekxa Kiosk.
- it-traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' Triq Ulisse – ilment 8/2010.

- titwaħħal tabella biex tikkumplimenta s-sinjali ta' mal-art quddiem ir-residenza Serenity fi Triq il-Qolla s-Safra – ilment 9/2010.
- l-irranġar tas-sistemi tal-elettriku u tal-ilma fil-berġa, jagħmel ix-xogħol Sammy Camilleri.

Il-Kunsillier Refalo ġibed l-attenzjoni li fil-Bajja ta' Marsalforn hemm xi ħadid li hu ta' periklu għall-pubbliku. Ser tinġibed l-attenzjoni tal-Beach Cleaning Section dwar dan il-ħadid perikoluż.

Gie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit dwar ilment li kienet qed issir ħsara bl-ilma tax-xita fi proprjeta' privata fi Triq tan-Naħla – ilment 6/2010.

Dwar il-wirja tal-gallariji, kien maqbul li ninkludu avviż fin-*newsletter* li jmiss biex naraw insibux persuna nteressata tidħol għall-inkarigu ta' din il-wirja (servizz bi ħlas).

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet irċeviet kwotazzjoni waħda biss għall-provvista ta' żebgħa. Qalet li l-kwotazzjoni hi ta' Dominic Department Stores Ltd. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni ta' Dominic Department Stores Ltd li kienet l-unika waħda.

Is-Sindku qal li l-Perit ħareġ l-istima tal-kisi bit-tarmak tal-kumplament ta' Triq Sta Marija (stima ta' €175,000) u ta' Triq il-Plejju (stima ta' €23,000). Is-Sindku qal li għandna nagħtu prijorita` lil Triq Sta Marija. Qal naraw x' għajnuna ser jagħtina għal Triq Sta Marija s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

Il-Kunsillier Refalo insista li Triq Għajn Mhelhel għandha tingħata prijorita`.

Dwar il-kors tal-kompjuter għar-residenti

- il-Kunsill approva x-xiri ta' mwejjed għall-kompjuters;
- il-parteċipanti jħallsu €20 kull wieħed;
- il-Kunsillieri ma jħallsux.

Il-Kunsill qabel li joħroġ il-*magazine* tiegħu l-Vuċi tal-Kunsill.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-8.30 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja E\ekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 47/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 14/05/2009 – 26/01/2010 latrina pubblika taż-Żebbuġ (ARMS Ltd) | €220.86 |
| Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 14/05/2009 – 26/01/2010 Uffiċini tal-Kunsill (ARMS Ltd) | €482.67 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €213.29 |
| Ħarira għall-*grass cutter* (Ronnie Mizzi) | €23.95 |
| Żebgħa – ċnut Marsalforn (Joseph Caruana Co Ltd) | €80.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €213.58 |
| *Fuel* – ġarr ta' kurduna u ramel għall-bankina li saret fi Triq iż-Żebbuġ (Carmel Camilleri) | €25.00 |
| Servizzi ta' librara – Jannar 2010 u *stationery* għall-librerija (Joanne Grima) | €111.97 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Jannar 2010 (WasteServ Malta Ltd) | €296.59 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla Jannar 2010 (WasteServ Malta Ltd) | €978.68 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Jannar 2010 (Group 4S Security Services Ltd) | €30.44 |
| Kunċert 23/01/2010 – Festa San Pawl 2010 (George Gatt) | €944.00 |
| Servizzi ta' P.A. System 22-23/01/2010 – Festa San Pawl 2010 (Ronnie Dimech) | €1,003.00 |
| Marċ mill-Banda Santa Marija – Festa San Pawl 2010 (Soċjeta' Filarmonika Santa Marija) | €970.00 |
| 2 imteraq u ħabel għas-sigurta' tal-kukkanja (Agius Industrial Supplies Ltd) | €65.59 |
| Ritratti – il-wirja Marsalforn maż-Żmienijiet (Captured Memories) | €147.00 |
| Servizzi ta' pulizija – attivita' tal-karnival 2010 (Dipartiment tal-Pulizija) | €38.26 |

24 ta' Frar 2010